Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Nixon Matthias Muscat

Seduta Distrett Mosta

Illum: 21 ta’ Gunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Nixon Matthias Muscat** ta’ 23-il sena iben Joseph Muscat imwieled Pieta’ nhar it- 22 ta’ Ottubru 1988 u resident 206 ‘Holy Family’ Flat 2 Triq il-Htariet Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0394098M.

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer u cioe nhar id-29 ta’ Novembru 2021 ghall-habta tas-13:00hrs gewwa Triq Ponsomby, Mosta:

1. Inqast li tobdi l-ordni legittima t'awtorita u cioe ta' PC 1347 L.Galea, persuna nkarigat mis-servizz pubbliku, jew ma hallejtux jew fixkiltu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b' xi mod iehor bla jedd indhalt fi dmirijietu billi ma hallejtux jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat li jaghmel jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li PC 1347 kien ghamel skond il-ligi jew b' xi mod iehor. Art 338 (ee) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.
2. U iktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u/jew storbju. Art 338 (dd) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.
3. U iktar talli volontarjament ghidt kliem oxen li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku. Art 338 (bb) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023.[1]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

[1] Fol. 10 u 11 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda incident li inqala' fid-29 ta' Novembru 2021 ghall-habta tas-1 pm meta l-imputat stess sejjah ghall-intervent tal-pulizija ghax kien hemm vettura fuq id-double yellow line faccata tal-garaxx tal-imputat odjern. Milli jidher l-imputat meta wasal l-ufficjal tal-pulizija beda jkellmu hazin u jidghi fit-triq. Barra minn dan meta wasal sid il-vettura li kienet ipparkjata mhux skond il-ligi l-imputat allegatament baqa' jitkellem hazin u b'mod oxxenn u ipprova jhebb ghall-individwu terz tant li l-agent tal-pulizija kellu jintervjeni.

**Provi**

Xehed **PC 1347 Luca Galea** li spjega kif l-imputat cempel l-ghassa tal-Mosta u ghamel rapport dwar vettura partikolari li kienet ipparkjata hazin tant li kienet qed timblokka l-garaxx tieghu u ma setax johrog bil-mini bus. Il-pulizija ippruvaw jaghmlu kuntatt ma' sid il-vettura pero' ma kellhomx il-mobile tieghu fuq is-sistema u allura huma irrikorrew fuq il-post. Meta ix-xhud wasal l-imputat beda jidghi u jghajjat bi kliem oxxen fil-pubbliku quddiem numru sostanzjali ta' nies fosthom genituri li kienu hemm biex jigbru lill-uliedhom mill-iskola. L-imputat gie ordnat biex jieqaf imma kien kollu ghal xejn. Ma obdiex l-ordnijiet li inghatawlu mix-xhud.

Meta gie sid il-vettura li kienet ipparkjata hazin l-imputat zied l-kliem oxxen, dagha u theddid fil-konfront tat-terz, ixxutjalu l-bumper u ghaldaqstant ix-xhud kellu jidhol fin-nofs biex l-argument ma jikbirx.[2]

[2] Fol. 5 u 6 tal-process.

Ix-xhud harrek kemm lill-imputat kif ukoll lil min kien ipparkjat hazin.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuza taht il-kontravenzjonijiet 338(bb), 338(ee), 338(dd). Id-difiza bazikament tghid is-segwenti:

1. Id-dagha u l-kliem oxxen kellu jigi spjegat aktar fid-dettal fl-affidavit u jargumenta li dan mhux car;
2. Li l-artikolu 338(bb) jitkellem fuq min ikun fis-sakra u li l-imputazzjoni ma ssemmix l-artikolu 342 tal-Kap 9.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jistrieh biss fuq l-affidavit ta‘ PC 1347 Galea. Ix-xhieda tal-kuntistabbli hija carissima, ossija li l-imputat, li sejjah il-pulizija hu stess, minflok irringrazzjahom tal-ghajnuna u s-servizz li joffru laqghu bid-dagha u l-kliem oxxen. Inghata ordni biex jieqaf u mhux talli ma waqafx talli meta giet il-persuna terza d-dagha u l-kliem oxxenn u d-dizubbidjenza in generali zdiedet tant li l-imputat ixxuttja l-bumper tal-vettura tat-terz. Tant li ghal darb‘ ohra kellu jintervjeni l-agent tal-pulizija. Dan kollu sar fi triq pubblika u meta kien hemm in-nies jistennew it-tfal tal-iskola.

**Il-Qorti tghid bla tlaqliq li l-imputat missu jisthi u mhux jigi quddiemha, ma jiskuzax ruhu mal-pulizija u jipprova jaghmel difiza li hija fiergha!**

Jekk ried li jkun jaf ezattament x'intqal mill-agent tal-pulizija missu harrku in kontro ezami.[3] Dan ma ghamlux u allura issa huwa inutli ghalih li jipprova jiggranfa ma' hajt imkahhal ladarba dak dikjarat b' mod preciz mill-kuntistabbli ma giex attakkat jew kontradett bl-ebda mod.

**Din il-Qorti tishaq dwar ir-rispett li ghandhom ikollhom ic-cittadini lejn il-forzi tas-sigurta'**. Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Lara Butters) vs Karen Busuttil** (App. Nru 70/2017) deciz fl-10 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima gie ribadit li:

*Tant hu hekk illi minhabba r-rifjut minn naha tal-appellanti u s-sieheb taghha Kevin Attard li jikkoperaw mal-ufficjal tal-pulizija mill-iskwadra ta' kontra l-Vizzji, kellhom jissejjhu l-pulizija mir-Rapid Intervention Unit sabiex dawn it-tnejn minn nies jigu skortati lejn l-ghassa tal-pulizija, fejn imbaghad l-appellanti regghet irrifjutat li tobdi l-ordni moghtija mis-surgent 928 u bdiet tallega li dan kien fi stat ta' sokor.*

*"Ordni legittimu moghti mill-pulizija jew mill-awtorita ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni. Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravenzzjoni kontemplata f'l-artikolu 338(ee) tal-Kodici*

[3] Ara fuq il-prova tal-affidavit li dak kontenut minnu jaghmel prova ammissibbli- **Il- Pulzija vs John Galea** App. Kriminali Nru. 238/2005 deciz mill-Qorti tal- appell Kriminali per Onorevoli Imhallef David Scicluna nhar l- 20 ta' Frar 2006, **Il-Pulizija (Spettur Sarha Magri) vs Anthony Mallia** ( App. Nru. 236/2020) deciz fit- 2 ta' Marzu 2021 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera; **Il- Pulizija vs Carmelo Bonnici** Kaz nru 181- 62 deciz fit-28 ta' Settembru 2021 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottoressa Elaine Mercieca;

*Kriminali jekk ikun prima facie legittimu jigifieri jekk ikun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata." (Appell Kriminali – Il-Pulizija vs Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze – 25/06/1997)*

*Dan ifisser allura illi l-appellanti errat meta iddecidiet tinjora l-ordni moghtija mill-pulizija sabiex hija tghaddhielhom id-dettalji personali taghha u rreaggixxiet b'konfrontazzjoni mal-ufficjali tal-pulizija li waqqfuha u aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija. Jekk dehrliha li l-ordni moghtija kienet wahda ingusta kellha kull dritt, kif fil-fatt ghamlet, tipprotesta ghal dak li fil-fehma taghha kienet ordni ingusta u dan bil-mezzi kollha li taghtiha l-ligi.*

**Il-Qorti taghmilha cara li dan l-incident gie ipprovokat mill-imputat u hu biss jahti ghal dan l-agir tieghu. Il-Qorti hija sodisfatta u tqis illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputat gew ampjament pruvati u konsegwentament ghandha tinstab htija fl-imputat.**

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda l-artikoli tal-ligi gie ripetut diversi drabi li dawn mhux necessarju ghall-avvizo *di comparire*. Ma humiex l-artikoli tal-ligi li jsawru l-akkuza f kazijiet sommarji. Infatti fil-kawza **Il- Pulizija (Spt. Joseph Busuttil) vs Paul Bartolo** (App. Nru. 256/2012 deciz fit-3 ta' Ottubru 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Michael Mallia f'pagna 4 jinghad is-segwenti:

***'Hu obbligu mitfuh fuq spallejn il-Gudikant illi meta jigi biex jaghti s-sentenza jikkwota l-Artikolu tal-Ligi illi tahtu l-imputat ikun gie misjub hati. Izda Artikolu tal-Ligi miktub fuq komparixxi bl-ebda mod ma jorbot il-Gudikant illi ghandu jaccerta ruhu li l-Artikolu jkun korrett u jekk ma jkunx jindika l-Artiklu korrett fis-sentenza tieghu. Zgur pero' illi ma jistax jillibera sempliciment fuq il-fatt illi kien hemm zball fl-Artiklu ndikat fil-komparixxi, aktar u aktar meta l-Ligi stess ma ma tghidlekx illi fic-citazzjoni ghandu jitnizzel l-Artiklu.'***

**Ghaldaqstant, l-argument tad-difiza fejn jikkoncerna l-artikolu zbaljat tal-ligi ikkwotat fic-citazzjoni qed jigi michud b'dan illi pero' il-Qorti taqbel li l-artikolu 338(bb) huwa biss relatat ma' kliem mhux xieraq meta jintqal minn persuna xurbana. B'hekk minn dik l-akkuza l-imputat ser jigi liberat.[4]**

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena li ghandha tigi skontata mill-imputat din il-Qorti tirrimarka li fil-kawza **Il-Pulizija vs Josianne Bonello** (App. Nru. 231/2002) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono gie enfazizzat:

**'Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-**

[4] Ironikament il-Kodici Kriminali milli jidher ma jipprovdix ghal min jghid kliem mhux xieraq, inkluz dagha meta jkun f' sensieh, ossija, mhux xurban!

**protezzjoni tal-ligi u tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan'[5].**

Il-Qorti temmen li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll tenut kont tal-fatt li z-zewg akkuzi li huwa qed jigi misjub hati taghhom huma ta' natura kontravenzjonali allura ghandha tinponi l-piena tal-ammenda.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 7(1), 13(1), 338(bb), 338(ee) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed issib l-imputat **Nixon Matthias Muscat HATI** tal-akkuzi taht l-artikoli 338 (dd) u 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **MHUX HATI** tal-akkuza taht l-artikolu 338(bb) u tikkundannah ghal **ammenda kumplessiva ta' mitt Ewro (€100) pagabbli minnufih** altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi[6].

Barra minn dan biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC 1347 Galea kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena qed tobbliga lill-hati b'obbligazzjoni ta' **elf Ewro** favur tieghu ghall-perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ordni u obbligazzjoni ma ghandix tigi fis-sehh kemm-il darba l-imputat ikollu l-htiega li jirrikorri ghall-ghajnuna ta' dan il-pulizija.

---

[5] Pagna 5.
[6] Ewro 50 ghal kull kontravenzjoni li qed jinstab hati taghha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-istess.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.